**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 204/2017 CFF**

**Leonard Sammut**

**Vs**

**Axel Grech**

**Illum 6 ta' Frar, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tal-attur fejn talab sabiex il-konvenut jigi kkundannat li i) jikkonseja lill-attur l-oggetti kollha indikati fil-paragrafu 1(i) sa (xiii) fl-annessa kopja informali ta' skrittura privata (Dok A) liema skrittura giet iffirmata mill-kontendenti fit-12 ta'April, 2017 u ii) jigi kkundannat ukoll li jhallas lill-attur is-somma ta' elfejn u disa' mitt Ewro (€2,900) skont l-annessa skrittura. Ghalkemm l-iskrittura qeghda esebita bhala kopja informali din giet iffirmata fil-presenza ta' l-avukati sottofirmati u l-avukat tieghu.

Ai fini ta' kompetenza qed jigi dikjarat illi l-ammont mitlub ma jeccedix l-ghaxart elef Ewro (€10,000).

Bl-ispejjez u l-imghax u l-intimat in subizzjoni.

Rat li l-konvenut gie notifikat fid-9 t'Awwissu, 2017 pero' la deher u lanqas ipprezenta risposta fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2017.

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma pprezentax risposta.

Semghet lill-attur jixhed kif il-konvenut ghadu ma hallsux u jonqos li jithallas minghand l-istess konvenut l-ammont ta' hamest elef u mitt Ewro (€5100).

Rat fis-seduta tat-23 ta' Jannar, 2018, l-attur ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta sussegwenti tas-6 ta' Frar, 2018, il-konvenut imsejjah tlett darbiet rega' naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tal-attur ghandha titqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba ta' l-attur, u tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur is-somma totali ta' hamest elef u mitt Ewro (€5100) bl-ispejjez ta' din il procedura kontra l-konvenut u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**